MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tal-15 ta' Jannar, 2014

Rikors Kongunt Numru. 563/2013

**AB**
**u**
**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt illi gie ikkonfermat mir-rikorrenti bil-gurament, li permezz tieghu ippremettew:

1. Illi l-esponenti zzewgu fil-21 ta’ Gunju 1997, mil-liema zwieg ma twieldux tfal;
2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni pppubblikat fl-14 ta’ Mejju, 2001, fl-atti tan-Nutar Dr Joseph Debono; (Dok. A);
3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba’ snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti;
4. Illi bejn il-kontendenti m’hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment;

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti jixtieq jitlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn martu l-intimata;

Ghaldaqstant talbu li din il-Qorti joghgobha sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond l-ligi :

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn l-esponenti fil-21 ta' Gunju 1997;
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku;

Rat id-dokumenti kollha li gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-15 ta' Novembru 2013;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvaw illi ilhom legalment separati mill-14 ta' Mejju 2001 u illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Illi ir-rikorrenti ippruvaw ukoll illi ma hemm l-ebda kwistjonijiet pendenti dwar manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------